MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2007

Appell Civili Numru. 1235/2002/1

**Salvu Muscat**

**v.**

**Charles Vassallo, Joseph Vassallo u John Vassallo**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta’ April 2004. Ic-citazzjoni giet prezentata fir-termini ta’ l-artikolu 258[1] tal-Kap. 12 sabiex

[1] Mhux 158, kif erroneament indikat fic-citazzjoni.

l-attur jirrendi ezegwibbli sentenza precedenti moghtija mill-allura Qorti tal-Kummerc fit-30 ta' Gunju 1993.

**2.** Ic-citazzjoni giet notifikata lill-konvenuti fit-13 ta' Jannar 2003. F-20 ta' Jannar 2003 huma pprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u d-dikjarazzjoni guramentata dwar il-fatti. Anke l-avviz tas-smigh gie notifikat fit-13 ta' Jannar 2003. Mill-verbali ta' l-udjenzi quddiem il-Prim Awla tal-10/3/2003, 20/6/2003, 28/10/03, 27/1/2004, 25/2/2004 u 6/4/2004, ma jirrizultax li l-konvenuti jew xi wiehed minnhom jew id-difensur taghhom deheru ghal din il-kawza. Wara li l-ewwel Qorti semghet bil-gurament lill-attur u wara li d-difensur ta' l-attur ezibixxa, permezz ta' nota, kopja ta' zewg sentenzi, dik il-Qorti ghaddiet biex, fis-6 ta' April 2003, tippronunzja s-sentenza.

**3.** Sfortunatament l-ewwel Qorti, meta tat is-sentenza msemmija, naqset milli tiehu in konsiderazzjoni l-eccezzjoni tal-konvenuti u d-dikjarazzjoni guramentata taghhom dwar il-fatti. In fatti fis-sentenza appellata jinghad, evidentement bi zvista, *"Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci."* Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti (minghajr ma rrespingiet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, ghax evidentement bi zvista ma ndunatx li kienu fil-process) laqghet it-talba attrici, bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti.

**4.** Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza. Huma ghandhom aggravji kemm procedurali kif ukoll fil-meritu. L-ewwel aggravju hu fis-sens li l-ewwel Qorti ma qisitx l-eccezzjoni u d-dikjarazzjoni tal-fatti taghhom u qisithom bhala kontumaci meta evidentement huma ma kienux kontumaci. Jillanjaw ukoll li huma gew imcahhda milli jgibu l-provi taghhom u li s-sentenza nghatat "meta l-attur kien ghadu lanqas ghalaq il-provi". Din il-Qorti, f'dana l-istadju, ma tarax li ghandha ghalfejn tirreferi ghal lanjanzi ohra.

**5.** Fl-udjenza ta' nhar it-Tnejn, 30 ta' April 2007, l-abbili difensur ta' l-appellat, l-Avukat Dott. Karmenu Mifsud Bonnici, iddikjara li huwa jaqbel li kien hemm zball fis-

sens li l-konvenuti ma kienux kontumaci, izda fisser li l-appellat ma ghandux ibati l-ispejjez ta’ dana l-appell meta l-izball ma kienx tieghu. Id-difensuri tal-partijiet – l-imsemmi Avukat Dott. Mifsud Bonnici u l-Avukat Dott. Paul Farrugia – ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom u l-appell thalla ghas-sentenza ghal-lum.

**6.** Din il-Qorti tara li hawn ghandha kaz ta’ zball evidenti – *lapsus* – da parti ta’ l-ewwel Qorti, kif lealment koncess mid-difensur ta’ l-appellat. Il-konvenuti ma kienux kontumaci izda l-ewwel Qorti kkunsidrathom bhala tali u evidentement anqas ezaminat in-nota ta’ eccezzjonijiet u d-dikjarazzjoni guramentata taghhom. Ghal din ir-raguni biss hemm lok li s-sentenza ta’ l-ewwel Qorti tigi revokata. Din il-Qorti, pero`, ma tistax taqbel li l-appellanti, allura l-konvenuti, gew b’xi mod imcahhda milli jgibu l-provi taghhom. Huma mhux biss ittraskuraw li jidhru, personalment jew tramite l-Avukat taghhom, ghad-diversi udjenzi quddiem l-ewwel Qorti, izda ghall-udjenza tas-6 ta’ April 2006 – meta allura kien mistenni li l-attur jikkonkludi l-provi tieghu[2] – huma baqghu ma deherux. Kif hemm registrat fil-verbal tas-6 ta’ April 2004 *“Ma deher hadd ghall-konvenuti”*. L-ewwel Qorti kellha, allura, bir-ragun tikkonkludi li l-konvenuti ma kellhomx jew ma ridux iressqu provi, u li setghet tghaddi ghas-sentenza dik il-gurnata stess, kif wara kollox jipprovdi l-Artikolu 211 tal-Kap. 12. Huwa dan it-tip ta’ traskurar u tkaxkir tas-saqajn da parti ta’ min jipprova jaghmel minn kollox biex ma tinghatax is-sentenza jew biex id-data tal-guduzzju tigi dejjem rimandata, li jikkontribwixxi sostanzjalment ghad-dewmien ta’ certi kawzi, fihom infushom semplici, bil-konsegwenti ingustizzja ghall-parti avversa.

**7.** Kwantu ghall-ispejjez ta’ dana l-appell, din il-Qorti, anke in vista ta’ dak appena osservat fil-paragrafu precedenti ta’ dan il-gudikat, hi tal-fehma li l-ewwel Qorti giet indotta fl-izball li l-konvenuti kienu kontumaci in parti proprju minhabba l-fatt li huma, u l-avukat taghhom, ma deherux quddiemha meta kellhom jidhru. Ghalhekk, fic-cirkostanzi, l-ispejjez kemm ta’ dana l-appell kif ukoll dawk

[2] Ara l-verbal ta’ l-udjenza ta’ qabel, cioe` tat-12 ta’ Marzu 2004.

relativi ghall-ewwel istanza ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn l-appellanti (50%) u l-appellat (50%).

**8.** Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, tqieghed lill-partijiet fil-posizzjoni li kienu fiha immedjatament qabel ma giet pronunzjata s-sentenza appellata fis-6 ta' April 2004, u tordna li l-atti jigu rinvjati quddiem l-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni skond il-ligi. L-ispejjez kollha, jithallsu bin-nofs: 50% mill-appellanti u l-50% l-ohra mill-appellat kif inghad fil-paragrafu precedenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------